ADPD-The Green Party

adpd.mt

# Id-dokument ta' konsultazzjoni ta' qabel il-Budget 2027 u l-viżjoni ta' ADPD–The Green Party

## Introduzzjoni

Dan id-dokument iqabbel il-Pre-Budget Consultation Document 2027 tal-Gvern, ippubblikat f'Settembru 2026, mal-proposti u l-fehmiet ta' ADPD-The Green Party fil-Manifest Elettorali 2026, Green Over Greed – Green Vision 2050, u pubblikazzjonijiet oħra tal-partit.

Id-dokument tal-Gvern għandu kapitli dwar ir-reżiljenza ekonomika, il-finanzi pubbliċi, il-prezzijiet tal-enerġija, it-tranżizzjoni sostenibbli, il-familji u l-għoli tal-ħajja, l-edukazzjoni u l-inklużjoni, u s-saħħa. Il-Gvern jargumenta li Malta għandha pożizzjoni ekonomika u fiskali relattivament b'saħħitha u li l-istabbiltà fil-prezzijiet tal-enerġija għandha tinżamm filwaqt li d-defiċit jibqa' taħt it-3% tal-PGD.

Aħna nqisu li l-ekonomija għandha fuq kollox taqdi lin-nies u l-kwalità tal-ħajja li qed ngħixu. Filwaqt li diversi dokumenti tal-gvern qed jagħmlu aċċenn għall-kwalità tal-ħajja, donnu l-gvern inqabad f'ċirku vizzjuż fejn it-tkabbir akkost ta' kollox sar neċessarju biex ikun jista' jżomm il-rata tad-dejn bħala persentaġġ tal-prodott gross domestiku taħt kontroll.

ADPD-The Green Party jisħaq li l-ekonomija għandi sseddaq il-benesseri, ls-suċċess għandu jitkejjel skont il-kontribut tal-ekonomija għall-kwalità tal-ħajja, il-ġustizzja soċjali u l-ħarsien tal-ekosistemi. Green Vision 2050 jibni din l-alternattiva fuq erba' pilastri: lil hinn mit-tkabbir; lil hinn mis-suq; lil hinn mill-individwaliżmu; u lil hinn mir-regħba.

## 1. Il-qafas ekonomiku: tkabbir, reżiljenza u benesseri

Il-kapitlu inizjali tal-Gvern jippreżenta t-tkabbir ekonomiku, il-produttività, il-kompetittività u r-reżiljenza bħala pedamenti tal-politika ekonomika. L-investiment, l-esportazzjoni, il-ħiliet u l-prestazzjoni tas-setturi ekonomiċi jitqiesu bħala mezzi biex tinżamm il-prosperità. Fil-konklużjoni, il-Gvern jgħid li l-għan tal-politika ekonomika jmur lil hinn mit-tkabbir waħdu, iżda t-tkabbir jibqa' ċentrali fil-mod kif jiġu spjegati l-prijoritajiet.

Green Vision 2050 tikkontesta l-idea li t-tkabbir kontinwu jista' jibqa' l-kejl ewlieni tal-progress. Il-PGD ma jirriflettix biżżejjed il-kwalità tal-arja, il-valur tal-assi naturali, ix-xogħol ta' kura umbla-ħlas li ma jidhirx, id-distribuzzjoni tal-ġid jew l-ispejjeż soċjali u ambjentali ta' ċerti attivitajiet. Il-gvern naqas milli jindika liema investimenti għandhom jiġu mħeġġa u liema setturi għandhom jinbidlu, jiġu riformati jew jispiċċaw.

F'ekonomija tal-benesseri l-progress jitkejjel b'titjib fil-kwalità tal-ħajja, l-ekwità u l-istat tal-ambjent, inkluż effiċjenza fl-użu tar-riżorsi naturali, jekk hux dawk lokali jew dawk importati.

Settur jista' jżid il-PGD iżda xorta joħloq ħsara jekk iżid il-pressjoni fuq l-art, il-baħar, l-infrastruttura jew jimbotta l-isfel il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

## 2. Il-finanzi pubbliċi, id-dejn u s-sussidji

Il-gvern jenfasizza li d-defiċit niżel għal taħt it-3% tal-PGD fl-2025 u li d-dejn pubbliku baqa' taħt il-limitu ta' 60% tal-PGD. Id-dokument pre-budget jargumenta li d-dixxiplina fiskali hija meħtieġa biex Malta tkun tista' tħares lill-familji u lin-negozji minn xokkijiet esterni, fosthom żidiet fil-prezzijiet internazzjonali tal-enerġija.

Il-mistoqsija li għandha ssir hija mhux biss kemm jonfoq il-gvern, iżda min se jibbenefika l-aktar mill-infiq u x'investiment se jsir u x'investiment se jiġi skartat. Sussidji ġenerali, lil kulħadd, irrispettivament mis-settur jew l-effiċjenza fl-użu, fuq il-fjuwil u l-konsum jagħtu benefiċċju lil min ma għandux bżonn l-għajnuna u lil min jaħli r-riżorsi. Il-valur ta' dak is-sussidju jista' minflok jintefaq f'investiment alternattiv bħal

enerġija rinnovabbli, trasport pubbliku u siġurtà fit-toroq biex iħajjar b'mod aktar b'saħħtu transport nadif u alternattiv, u f'servizzi pubbliċi oħrajn.

L-għajnuna għandha tkun immirata lejn min jeħtieġha, filwaqt li l-flus pubbliċi jintużaw biex titnaqqas id-dipendenza futura fuq sorsi importati u volatili. B'hekk l-infieq jagħti riżultati fit-tul minflok litteralment jinħaraq.

Hemm mistoqsijiet importanti li l-gvern mhux qed iwieġeb, bħal per eżempju: liema investimenti joħolqu benefiċċji soċjali u ambjentali fit-tul? X'inhuma l-ispejjeż u l-piżijiet fuq ġenerazzjonijiet futuri?

Fuq kollox l-għażla mhux sussidju lil kulħadd jew sussidju lil ħadd. L-għajnuna fil-forma ta' sussidju tista' tkun iffukata direttament lejn min għandu bżonnha.

## 3. L-enerġija u t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli

Id-dokument Pre-Budget 2027 tal-gvern jitkellem b'mod estensiv dwar il-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija u dwar l-ispiża biex il-prezzijiet lokali jinżammu stabbli. Jittratta wkoll it-tranżizzjoni lejn futur sostenibbli, inkluż l-enerġija, l-effiċjenza u investiment f'infrastruttura aktar nadifa. Il-qafas tal-Gvern jipprova jgħaqqad it-tranżizzjoni mal-affordabbiltà, il-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista.

Aktar mal-pajjiż jitnikker, aktar se ssir diffiċli li nagħmlu passi 'l quddiem. ADPD-The Green Party  ilu jitlob għal mira ta' 50% enerġija rinnovabbli sal-2030, sistemi ta' enerġija Nadifa bbażati fil-komunità, investiment fin-netwerk tal-elettriku, bini ġdid li bilfors irid jipproduċi l-enerġija tiegħu u tnaqqis fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Nagħrfu li qed isir xogħol f'dawn l-oqsma, imma l-pass huwa kajman wisq, u r-riżorsi finanzjarji qed jiġu ffukati fuq sussidji u interconnectors, minflok fuq investiment li jsaħħaħ u jżid l-indipendenza enerġetika. Biex nifthemu, din qajla tista' tkun indipendenza totali, imma nistgħu nagħmlu ħafna aktar. Investiment domestiku fir-rinnovabbli jista' jnaqqas dik id-dipendenza, joħloq xogħol tekniku u jżomm aktar mill-investiment fil-komunitajiet.

Green Vision 2050 ta' ADPD-The Green Party jipproponi wkoll baġits tal-karbonju għal setturi differenti, miri li jorbtu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija. Għajnuna lill-industrija għandha tkun marbuta strettament mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġijia u d-dekarbonizazzjoni. Dan jinkludi kull aġevolazzjoni tal-industrija marittima.

## 4. It-turiżmu u l-użu tar-riżorsi

Id-dokument tal-gvern iqiegħed it-turiżmu u setturi oħra fil-qafas tal-kompetittività u t-tkabbir tal-PGD. Jitkellem dwar titjib fil-ħiliet tal-ħaddiema, l-użu ta' teknoloġiji diġitali u l-għan li Malta tibqa' destinazzjoni kompetittiva, flimkien ma' standards ta' sostenibbiltà.

Green Vision 2050 jargumenta li l-kwistjoni mhijiex biss kif it-turiżmu jsir aktar effiċjenti, iżda li l-limiti ntlaħqu u m'hemmx lok għal aktar espansjoni tas-settur. Il-limiti li wasslu għal pressjoni kbira fuq l-art, il-kosta, l-ilma, l-iskart, it-trasport u l-komunitajiet inlaħqu u nqabżu. Irridu tnaqqis ippjanat tadd-dipendenza fuq it-turiżmu, żieda fit-taxxa turistika u l-użu tad-dħul għal proġetti ta' riġenerazzjoni fil-lokalitajiet milquta mit-turiżmu. Diġà sar pass 'il quddiem fejn parti mit-taxxa fuq it-turisti suppost se tibda tmur għand il-kunsilli lokali. Irridu niżguraw li din il-proposta li saret minn ADPD-The Green Party titwettaq mill-aktar fis possibbli. Għandu jiġi evalwat mill-ġdid is-sussidju mit-taxxi tagħna lil linji tal-ajru li jkomplu jħajru turiżmu bla limiti.

Wasal iż-żmien li ma' joħorġux aktar permessi jew liċenzji għal appartamenti għall-użu turistiku mingħajr l-approvazzjoni tal-kunsilli lokali u r-residenti li diġà jgħixu fil-blokka tal-appartamenti. L-istess għal-lukandi. Barra minn hekk l-Awtorità tal-Ippjanar m'għandhiex tagħti permessi ġodda għal blokok li jintużaw għall-akkomodazzjoni temporanja għat-turisti u għal lukandi ġodda, bl-effett ta' inflazzjoni kemm fuq il-prezzijiet tal-propjetà, kemm fuq il-kirjiet. Barra l-pressjoni fuq l-art u ż-żieda fl-ispekulazzjoni.

Aktar turisti jew aktar attività mhumiex awtomatikament ekwivalenti għal aktar benesseri, speċjalment jekk il-benefiċċji ma jitqassmux b'mod ugwali u l-effetti jintrefgħu mill-komunitajiet. Kif jingħad fi studji internazzjonali "private gain, public loss".

## 5. Familji, għoli tal-ħajja, pagi u tassazzjoni

Il-kapitlu dwar il-familji u l-livell tal-għajxien jiddeskrivi miżuri ta' taxxa u benefiċċji, fosthom żieda fl-allowance tat-tfal għal familji eliġibbli, miżuri favur il-pensjonanti u riformi fit-taxxa fuq id-dħul. Il-Gvern jippreżentahom bħala għajnuna għad-dħul disponibbli u mezz biex jitnaqqas ir-riskju tal-faqar.

ADPD jappoġġa l-għajnuna soċjali iżda jpoġġi aktar enfasi fuq l-istruttura tat-tassazzjoni u l-kawżi tal-għoli tal-ħajja. Il-partit jipproponi li jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq id-dħul mix-xogħol u l-pensjonijiet fejn xieraq, imma biex ikun hemm ġustizzja soċjali, irid jiżdied il-kontribut ta' min jiflaħ permezz ta' taxxi ġusti, komparabbli mat-taxxa fuq id-dħul, fuq il-ġid akkumulat, id-dħul minn investiment spekulattiv u l-ħela tar-riżorsi. Għandha tkun studjata bir-reqqa l-possibbiltà ta' dħul bażiku universali li jkopri l-ħtiġijiet essenzjali, iffinanzjat permezz ta' taxxi fuq l-użu tar-riżorsi u l-attivitajiet spekulattivi. Il-paga minima tibqa' fost l-anqas fl-UE, Irridu naraw pagi diċenti għal kulħadd. Il-paga minima għandha ssir 'living wage'.

Is-sistema ta' tassazzjoni għandha tiġi studjata fid-dettall. Il-mistoqsijiet li għandu jsaqsi l-gvern huma: Min jieħu l-akbar benefiċċju minn kull miżura? L-għajnuna tindirizza problemi strutturali? Żieda fil-benefiċċji tista' tgħin lill-familji, iżda waħedha ma ssolvix kirjiet għoljin, pagi baxxi u nuqqasijiet fis-servizzi pubbliċi.

## 6. Edukazzjoni u inklużjoni: kapital uman jew żvilupp uman?

Id-dokument tal-Gvern jiddeskrivi l-edukazzjoni bħala investiment fil-prosperità soċjali u ekonomika. Jelenka t-trasformazzjoni tal-kurrikulu u tal-assessjar, appoġġ għal-litteriżmu, it-tnaqqis ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni, inklużjoni diġitali u infrastruttura edukattiva. Jinkludi wkoll l-bżonn ta' ppjanar strateġiku għall-ħiliet meħtieġa f'ekonomija li qed tinbidel.

Aħna nenfasizzaw li l-edukazzjoni għandha valur intrinsiku u pubbliku. M'għandhiex tkun primarjament fabbrika tal-ħaddiema għall-ekonomija. L-enfasi għandha tkun fuq l-iżvilupp sħiħ tal-persuna u ta' ċittadini informati u attivi.  Isir xogħol tajjeb fl-iskejjel, imma rridu nibqgħu ninsistu li l-edukazzjoni formali għandha tiżviluppa l-ħsieb kritiku, il-kreattività, l-awtonomija, il-parteċipazzjoni demokratika u l-kapaċità tal-persuni li jagħmlu għażliet informati f'ħajjithom. Tfal b'ġenituri barranin jintegraw malajr jekk jingħataw l-opportunitajiet meħtieġa. Il-koeżjoni soċjali tisseddaq permezz ta'

inklużjoni permezz ta' programmi ddisinjati tajjeb fl-ilsien Malti, fil-parteċipazzjoni fi proġetti soċjali u artistiċi, u kurrikulum li jenfasizza l-armonija soċjali u l-gost li t-tfal jitgħallmu jikbru flimkien.

L-enfasi għandha tkun li l-istudenti jingħataw opportunitajiet reali biex jitgħallmu, jipparteċipaw u jaħsbu b'mod indipendenti. Edukazzjoni li tagħmel l-inklużjoni possibbli tinkludi politika li tħares lejn dawn l-aspetti: appoġġ individwali, kundizzjonijiet tax-xogħol tal-edukaturi, awtonomija tal-iskejjel, daqsijiet tal-klassijiet, id-daqs tal-iskejjel, servizzi ta' appoġġ u l-valur mogħti lill-edukazzjoni ħolisitka, inkluż spazji biex l-istudenti jesprimu ruħhom permezz tal-arti, l-media, d-drama, l-kitba, il-logħob mingħajr ma jinħolqu skejjel differenti bi status soċjali differenti. Huwa żball li d-diġitalizazzjoni tal-edukazzjoni titqies bħala xi soluzzjoni. L-istudenti u l-għalliema tagħhom għandhom iħossuhom parti minn komunità, qabel kollox. L-għodda tat-tagħlim huma biss għodda u mhux bakketta maġika. L-edukazzjoni bikrija tibqa' l-pedament ta' edukazzjoni li tgħin lill-istudenti tagħna jiffjorixxu u jieħdu gost jitgħallmu u jipparteċipaw fil-komunità u s-soċjetà.

## 7. Is-saħħa u s-servizzi pubbliċi

Il-kapitlu dwar is-saħħa jenfasizza l-investiment fl-isptarijiet, fit-teknoloġija medika u fil-ħaddiema tas-saħħa, kif ukoll il-kura primarja u fil-komunità, il-prevenzjoni, l-intervent bikri u s-servizzi tas-saħħa mentali. Jiddeskrivi ż-żieda fid-domanda għal servizzi akuti u l-miżuri biex is-sistema tilqa' għal din id-domanda.

Il-qafas tal-politika ta' ADPD-The Green Party jagħti importanza lis-servizzi pubbliċi bħala bażi tal-benesseri, tal-ugwaljanza u tal-ekwità. Is-saħħa mhijiex biss investiment li jtejjeb il-produttività; hija dritt u kundizzjoni għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà. Il-prevenzjoni, l-ambjent b'saħħtu, l-arja nadifa, l-ispazji naturali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol huma wkoll fatturi li jaffettwaw is-saħħa.

Nirrikonoxxu l-importanza tal-prevenzjoni u l-kura fil-komunità. Dawn għandhom jingħataw riżorsi u prijorità biżżejjed meta mqabbla mas-servizzi akuti. Il-politika dwar l-ambjent, it-trasport, id-djar u x-xogħol għandhom ikunu integrati iżjed mal-politika tas-saħħa.

## 8. Komunità, ambjent u ġustizzja bejn il-ġenerazzjonijiet

Il-gvern juża l-kunċetti ta' reżiljenza, sostenibbiltà u benesseri f'partijiet differenti tad-dokument. Green Vision 2050 tagħna jipproponi li dawn isiru l-qafas li jiggwida l-politika ekonomika kollha, inklużi l-użu tal-art u l-baħar, it-turiżmu, il-kostruzzjoni, l-enerġija u l-edukazzjoni.

L-erba' pilastri tal-viżjoni tagħna huma: (1) lil hinn mit-tkabbir -  ekonomija għall-benesseri; (2) lil hinn mis-suq - servizzi pubbliċi li jsaħħu l-benesseri; (3) lil hinn mill-individwaliżmu - tisħiħ tal-komunità u l-edukazzjoni; u (4) lil hinn mir-regħba - ħarsien tal-ambjent. Dawn jgħaqqdu l-politika soċjali, ekonomika u ambjentali f'qafas wieħed.

Il-ġustizzja bejn il-ġenerazzjonijiet tfisser li dawk li għad iridu jitwieldu jew mhux f'qagħda li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet jiġu mħarsa. Għaldaqstant, il-politika tal-gvern għandha tqis l-impatti fit-tul tat-tibdil fil-klima, inkluża ż-żieda fil-livell tal-baħar, u għarfien li ħsara ekoloġika ma' tistax tiġi kkumpensata b'investiment jew tkabbir ekonomiku.

## 9. L-Unjoni Ewropea

Fuq livell ta' Unjoni Ewropea l-gvern filwaqt li jrid żieda fl-appoġġ mill-budget tal-UE, mhux qed jipproponi sorsi ta' dħul addizzjonali għall-budget tal-Unjoni. Koordinazzjoni fuq livell tal-UE jagħmel sens għal pajjiż bħal Malta, li żgur mhux f'pożizzjoni li jinfluwenza multinazzjonali monopolistiċi kbar, speċjalment dawk fil-qasam diġitali. Liema monopolji jużaw il-pożizzjoni tagħhom biex jagħmlu qliegħ kbir minn fuq dahar data u kontenut ipprodu ċut fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li jkissru l-istampa ħielsa u jimmanipulaw u jimminaw is-sistema demokratika tal-pajjiżi Ewropej. Ftehim fuq livell Ewropew u anke, eventwalment, internazzjonali huwa essenzjali. Dħul minn multinazzjonali li jiddominaw is-suq huwa essenzjali biex l-UE tiżvilupp l-ekosistema diġitali tagħha, tappoġġja 'l-lingwi Ewropej (inkluż il-Malti), 'il-media ħielsa fl-UE u l-konkorrenza żleali u l-manuvri anti-demokratiċi mill-kolossi monopolistiċi mill-Istati Uniti. Huwa inaċċettabbli li l-pajjiżi tal-UE kollha jiddependu daqshekk fuq servizzi diġitali u finanzjari mill-Istati Uniti.

Iż-żarmar tal-Green Deal minn gvernijiet u partiti tal-lemin fil-Parlament Ewropew, fuq quddiem il-PPE u r-Renew flimkien mal-konservattiv u l-faxxisti, qed ikollu effetti ħżiena fuqna lkoll. Huwa ta' għajb li Membri Parlamentari Ewropej Maltin mill-PN,

mill-PL (għalkemm jifformaw parti mill-Grupp tas-Soċjalisti) u anke l-gvern Malti huma parteċipi fiż-żarmar tal-Green Deal.

It-tnaqqis fl-ambizzjoni tal-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, fit-tħaddin tar-regoli ambjentali jew fl-investiment fl-adattament għat-tibdil fil-klima jżid ir-riskju ta' problemi ta' saħħa marbuta mas-sħana, l-għargħar, n-nixfa u l-biedja. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tirrapporta li bejn l-1980 u l-2023, avvenimenti estremi tat-temp marbuta mat-tibdil fil-klima kkawżaw aktar minn €738 biljun f'telf ekonomiku fl-UE. Il-pajjiżi tal-Mediterran huma partikolarment vulnerabbli.

Il-pass kajman fl-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli, fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika u fl-infrastruttura tal-elettriku jħalli lill-familji u lin-negozji aktar esposti għal żidiet f'daqqa fil-prezzijiet internazzjonali taż-żejt u tal-gass. F'Malta qed inħallsu dawn iż-żidiet mit-taxxi tagħna u bid-dejn li xorta jrid jitħallas lura. Hemm bżonn ta' aktar, u mhux inqas investiment fin-netwerks tal-elettriku, fil-ħażna tal-enerġija u fil-flessibbiltà tas-sistema.

Jekk l-Green Deal ikompli jiżżarma u l-UE tnaqqas l-appoġġ tagħha għat-teknoloġiji nodfa, tirriskja li titlef l-investiment u l-kapaċità tal-manifattura favur pajjiżi li jkomplu jappoġġaw dawn l-industriji. Dan jista' jaffettwa l-impjiegi, il-pagi, l-ekonomiji reġjonali u l-kapaċità tal-Ewropa li tikkompeti fl-oqsma tal-batteriji, tal-enerġija rinnovabbli, tal-elettrifikazzjoni u ta' setturi emerġenti oħra.

Iż-żarmar tal-Green Deal, li diġà huwa kompromess u żgur mhux l-massimu possibbli, jfisser it-tnaqqis fil-ħidma favur arja nadifa, fil-prevenzjoni tat-tniġġis u fit-trasport sostenibbli. Dan ifisser li tniġġis b'sustanzi li jagħmlu ħsara lis-saħħa. Dan huwa ta' tħassib partikolari għat-tfal, għall-anzjani, għal persuni bi problemi respiratorji u għal komunitajiet li jgħixu qrib toroq traffikużi jew faċilitajiet industrijali. Il-ħarsien tal-ambjent għandu benefiċċji diretti għas-saħħa pubblika.

Fl-aħħar mill-aħħar UE b'inqas riżorsi finanzjarji u inqas investiment fil-Green New Deal ifisser aktar inugwaljanza. Il-gvern Malti għandu jaħdem biex ir-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea jiżdiedu biex ikun hemm aktar investiment biex familji bi dħul baxx ikollhom aċċess għal għajnuna biex jinstallaw pannelli solari u jtejbu l-effiċjenza enerġetika ta' djarhom.

Fl-aħħar minn l-aħħar iż-żarmar tal-Green Deal ifisser riskji ġeopolitiċi akbar u UE li ssir aktar dipendenti fuq l-Istati Uniti. Dan huwa punt partikolarment importanti meta

nikkunsidraw il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-interessi kunfliġġenti tal-Istati Uniti kif espressa fil-politika industrijali u barranija tagħhom. L-UE kienet qed tipprova tilħaq żewġ għanijiet fl-istess waqt: tiddekarbonizza l-ekonomija tagħha u ssaħħaħ l-awtonomija ekonomika u strateġika tagħha. It-tnaqqis fl-ambizzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew idgħajjef iż-żewġ għanijiet.

## 10. Konklużjonijiet

Is-sussidji ffokati, mhux premju għall-ineffiċjenza u l-ħela. Il-protezzjoni immedjata mill-prezzijiet tal-enerġija għandha valur soċjali. Sussidji fuq il-ħela mhux aċċettabbli, għax dawn ifissru li kulħadd jġorr il-piż tat-traskuraġni ta' ħaddieħor. ADPD jitlob li jitkejjel ukoll l-opportunity cost, iġifieri jekk sussidji ġenerali humiex qed inaqqsu l-fondi għal investimenti li jnaqqsu d-dipendenza futura fuq t-tniġġis u l-fuels fossili. L-għażla mhux sussidju lil kulħadd jew sussidju lil ħadd. L-għajnuna fil-forma ta' sussidju tista' tkun iffukata direttament lejn min għandu bżonnha.

Il-kwistjoni distributtiva tibqa' ċentrali. Il-proposti dwar it-tassazzjoni, il-pagi, it-turiżmu u l-użu tar-riżorsi għandhom jiffokaw fuq min qed jibbenefika u min iġorr il-piżijiet, mhux biss fuq il-valur totali tal-attività ekonomika.

L-Edukazzjoni u s-saħħa bħala valuri fihom infushom. Dawn is-servizzi għandhom jippermettu lin-nies jgħixu ħajja dinjituża u jipparteċipaw fis-soċjetà, mhux ikunu ġġustifikati biss bil-kontribut tagħhom għall-produttività.

Id-dokument tal-gvern jorbot ir-reżiljenza mal-prestazzjoni ekonomika u fiskali u ma' tranżizzjoni affordabbli. ADPD-The Green Party jipproponi li l-benesseri, il-ġustizzja soċjali u l-limiti ekoloġiċi jsiru l-kriterji ewlenin biex tiġi ġġudikata l-politika ekonomika.

## Sorsi

Pre-Budget Consultation Document 2027 - Ministeru għall-Finanzi: https://finance.gov.mt/

ADPD - Green Over Greed: A Green Vision 2050: https://adpd.mt/green-over-greed-a-green-vision-2050/

ADPD - A Green Energy Vision for 2050: https://adpd.mt/a-green-energy-vision-for-2050/

ADPD - Moving beyond growth: https://adpd.mt/moving-beyond-growth/

ADPD - Dokumenti u manifesti elettorali, inkluż il-Manifest Elettorali 2026: https://adpd.mt/documents/

ADPD - An energy policy for the long-term: https://adpd.mt/an-energy-policy-for-the-long-term/